MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1362/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARRYL BORG**
**VS**
**ROSALES DIEGO JOSUE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Rosales Diego Josue ta' 19- il sena bin Williams Rosales u Milangela nee' furnari, mwieled Venezuela nhar it- 28 ta' Gunju 1993, residenti Saint George's Park, Saint Julians, Malta u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru AO 3724379;

Talli nhar id- 29 ta' dicembru 2012 ghall- habta tal- 05.30hrs gewwa San Giljan ;

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' saqaf maghmul mill-

madum tat- Terracotta liema hsara tiskorri €116.47 izda ma tiskorrix €1,164.69 ghad- dannu tas- sid tal- lukanda Hilton u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f' lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku kien fi stat ta' sakra;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 325 u 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' disa' mitt ewro (€900) fi zmien xahar lill-Lukanda Hilton ai terminu tal-Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------